# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 528

Il-Ħamis, 10 ta' Marzu, 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' online permezz ta' Microsoft Teams minħabba l-Pandemija tal-Covid-19, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier

SKUŻATI B'APOLOĠIJA:

Frankie Attard – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## 528.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillier Frankie Attard talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol u anke s-Sinjorina Abigail Micallef. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 528.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċendenti. Is-Sindku ġibel l-attenzjoni dwar punt numru 526.6.2 illi kien jaqra hekk: **'Sar suġġeriment illi jsiru żewġ *road humps* fi Triq Qasam San Pawl. Il-Kunsill ma qabilx li jsiru.'** Is-Sindku qal li hu ma jidhirlux li l-Kunsill kien ħa din id-deċiżjoni. Huwa qal li din għandha tiġi riveduta u tinkiteb hekk: **'Sar suġġeriment illi jsiru żewġ *road humps* fi Triq Qasam San Pawl. Il-Kunsill qabel illi dawn għandhom isiru jekk kemm-il darba jibqgħu isiru l-abbużi mit-trakkijiet'.** Il-Kunsill qabel ma' dan.

Il-bqija tal-minuti ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 528.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

528.3.1 Rigward Ċirkulari SCI/SPI/3/2021 – Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali. Din ser tkun iffinanzjata b'85% mid-DLG. Il-Kunsill qabel li napplikaw. Ser naħsbu x'jista' jsir u tintbagħat l-applikazzjoni.

528.3.2 Dwar Ċirkulari SCI/SPI/8/2020 – Espressjoni ta' interess – Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-sena 2022 – is-Sindku qal li aktarx li Ta' Kerċem ma jikkwalifikax għal din iżda fir-Reġjun t'Għawdex tkellmu illi l-aħjar ħaġa tkun li nappoġġjaw lil xi raħal aktar prominenti. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

528.3.3 Dwar it-talba illi l-Kunsill kien għamel lid-DLG sabiex il-Kunsill iħallas ir-reġistrazzjoni u l-assigurazzjoni ta' Anġlu Axiak minħabba li juża t-trakk tiegħu personali għall-ġbir ta' bulky refuse, din ġiet rifjutata. Il-Kunsillier Alvin Grech issuġġerixxa illi l-Kunsill allura għandu jagħmel ftehim mal-Community Workers Scheme innifisha. Sar qbil li nippruvaw hekk.

528.3.4 Il-Kunsill Lokali rċieva email mill-JP2 Foundation sabiex fil-weekend ta' San Girgor issir attivita' sabiex tfakkar lill-Mons Girgor Grech. Il-Fondazzjoni talbet illi l-Kunsill iħallas l-ammont ta' €400 għall-mużika u l-kantanti. Is-Sindku qal li meta rċieva din l-email huwa ħass illi jekk il-Kunsill jiddeċiedi illi jfakkar lill-Mons Girgor Grech, illi huwa mhuwiex kontra, il-Kunsill għandu jtella' l-attivita' huwa nnifsu u mhux permezz ta' fondazzjoni oħra. Il-Kunsill iddiskuta li anke dwar l-ispejjeż, il-Kunsill

dejjem irid joqgħod attent x'jonfoq minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja li jinsab fiha.

528.3.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi saret laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija l-ġdid. Ġew diskussi diversi punti dwar ir-raħal Ta' Kerċem fosthom il-problema tat-trakkijiet u sabiex isiru l-*pelican lights* u jkollna l-appoġġ tal-Pulizija. Is-Supretendent spjega illi minn Novembru ser jibda s-servizz tal-Community Policing u li l-għases qegħdin jingħalqu skont direttiva tal-Assistant Kummissarju.

## 528.4 Proġett Triq San Girgor

Is-Sindku qal li minħabba s-sitwazzjoni tal-Pandemija, il-Perit ma setgħax ikun magħna.

## 528.5 Skemi Reġjonali

L-iskemi li ħarġu minn naħa tar-Reġjun huma dawn:

i. Ambjent 2021 – Il-Kunsill iddiskuta din l-iskema u ddeċieda illi napplikaw għal sweeper biex idur fir-raħal biex jiġbor il-karti u t-trab.
ii. Kultura Għawdex – is-Sindku qal li din ser titwal għas-sena 2023 minħabba l-pandemija u għalhekk m'għandniex għalfejn napplikaw għalissa.

## 528.6 SPI/SCI/2/2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Field

Is-Sindku spjega illi diġa' tkellimna mal-Perit Busutill u anke ma' Kerċem Ajax FC u sar qbil li jsiru żewġ latrini pubbliċi. Is-Sindku qal li Kerċem Ajax FC qablu illi l-latrini jieħdu ħsiebhom huma.

## 528.7 Trakkijiet tal-Barrieri

Is-Sindku qal illi wara li l-Kunsill Lokali kien ippubblika post fuq Facebook dwar is-sitwazzjoni tat-trakkijiet li għaddejjin minn ġo Ta' Kerċem, is-Sindku kellu laqgħa mal-Ministru għal Għawdex. Minn hawnhekk huwa rringrazzjah għax kienet laqgħa kordjali ħafna u reġgħet ġiet diskussa r-rotta alternattiva li ilu jisħaq dwarha l-Kunsill. Huwa qal li l-Ministru lest li jgħin lill-Kunsill u li jagħmel ir-rotta iżda talabna li nissaportu ftit oħra. Huwa wiegħed illi fix-xhur li ġejjin se nkunu qed insolvu l-problema.

Il-Kunsillier Alvin Grech qal li huwa qata' qalbu u m'għadu jemmen lil ħadd għax

qabel jara mhux se jemmen. Is-Sindku qal li aħna bħala Kunsill ma nistgħux nikkmandaw aħna għax m'aħniex awtorita'. Is-Sur Grech insista illi TM, il-Pulizija u l-Ministeru għal Għawdex qed iħallu z-zokk ġo dahar in-nies Ta' Kerċem. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa illi napplikaw ma' TM sabiex it-trakkijiet jgħaddu ġimgħa minn Ta' Kerċem u gimgħa minn Santa Luċija sabiex tissolva l-problema, jiġifieri temporanjament biss. Is-Sindku wieġbu illi din it-talba l-Kunsill kien diġa' għamilha ma' TM u ġiet rifjutata. Il-Viċi Sindku semma li kien hemm persuna li għamel teżi dwar dan is-suġġett u skont il-liġijiet tal-Ewropa jirriżulta illi dawn it-tip ta' trakkijiet ma jistgħux jgħaddu minn ġo raħal bħal Ta' Kerċem.

Is-Sindku qal illi jibża' li jekk jagħtu soluzzjoni temporanja, din tispiċċa tiġi l-propja soluzzjoni u ma jiġri qatt xejn. Is-Sur Grech baqa' jgħid li l-Awtoritajiet qed jgħadduna biż-żmien għax ħadd ma jrid jagħtina *timeframe*. Huwa qal li għandna nitolbu *timeframe* mill-Ministeru għal Għawdex minn min jieħu ħsieb it-toroq. Ġie deċiż mill-Kunsill illi jsir hekk. Hawnhekk, il-Kunsillier Horace Vella ġibed l-attenzjonu ukoll illi l-lok ta' fejn l-għajn qed jaqa' u għandna nitolbu li jitwaqqa' għal kollox sabiex jgħaddu t-trakkijiet.

## 528.8 Miżura 4

Dwar din il-Miżura, għadna qed nistennew il-permess tal-ERA sabiex inkunu nistgħu niffirmaw il-Grant Agreement.

## 528.9 Ilmenti u Suġġerimenti

Is-Sur Paul Mizzi semma t-trinka li hemm fi Triq ix-Xagħri li baqgħet ma tranġatx. Ġie diskuss illi din għadna qed nistennew il-kuntrattur li għamel it-triq sabiex jirranġaha.
Is-Sur Mizzi semma ukoll illi fi Triq ix-Xagħri qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb. Ġie deċiż illi ssir tabella.
Saret talba minn resident fi Triq l-Avukat Anton Calleja sabiex isirlu bankina ġdida. Ħadd ma sab oġġezzjoni u għalhekk ser napplikaw mas-CMU.
Is-Sindku rringrazzja lil George u Maria Mercieca illi pprovdew l-ikel tal-festin tal-Milied b'xejn.
Is-Sindku ressaq talba sabiex issir mera fi Triq Santa Katerina tal-Qabbieża. Ħadd ma sab oġġezzjoni.
Irċevejna kwotazzjoni oħra sabiex issir is-sistema tal-*intercom* fl-uffiċini tal-Kunsill. Din kienet diġa' nbdiet is-sena l-oħra minn kuntrattur differenti iżda baqa' ma kompliex ix-xogħol. Għalhekk tlabna kwotazzjoni ġdida u din ser tiswa €1018. Il-Kunsill qabel li ssir.

## 528.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 528.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.50pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 7 ta' April 2021 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |